

Brussell, 14 ta' Diċembru 2016  
(OR. en)

15519/16

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2013/0029 (COD)**

---

---

**CODEC 1883  
TRANS 501  
PE 122**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-  
PARLAMENT EWROPEW

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja

- Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew

(Strasburgu, mit-12 sal-15 ta' Diċembru 2016)

---

### **I. VOT**

Fl-14 ta' Diċembru 2016, billi ma ġiet adottata l-ebda emenda, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ġiet approvata.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa mehmuż ma' din in-nota.

## II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294 (7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att inkwistjoni ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

**P8\_TA-PROV(2016)0498**

## **Żona ferrovjarja unika Ewropea \*\*\*II**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (11199/1/2016– C8-0426/2016 – 2013/0029(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11199/1/2016 – C8-0426/2016),
- wara li kkunsidra l-opinjoni motivati ppreżentati fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mis-Senat Franċiż, mill-Parlament Litwan, mill-Kamra tad-Deputati tal-Lussemburgu, mis-Senat tan-Netherlands, mill-Kamra tad-Deputati tan-Netherlands u mill-Parlament Żvediż, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Ottubru 2013<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>3</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0029),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0371/2016),

---

<sup>1</sup> ĠU C 327, 12.11.2013, p. 122.

<sup>2</sup> ĠU C 356, 5.12.2013, p. 92.

<sup>3</sup> Testi adottati, P7\_TA(2014)0147.

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
3. Jissuġġerixxi li l-att jiġi kkwotat b'ħala 'd-Direttiva Sassoli-Dijksma fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja'<sup>4</sup>;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

---

<sup>4</sup> David-Maria Sassoli u Sharon Dijksma wettqu n-negozjati dwar l-att, għall-Parlament u l-Kunsill rispettivament.